MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2014

Numru 356/2010

Il-Pulizija

(Spettur Tony Cachia)

vs

George Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 69344M akkuzat talli:

- nhar l-20 ta' Awissu 2008 ghal habta tal-5.30a.m waqt li kien ghaddej fi Triq il-Kbira, Hal-Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli, u cioe' vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni KBG 746, ghad-danni sofferti minn Raymond Cauchi ghas-somma ta' Euro1416.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Raymond Cauchi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsiderat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma: certu Raymond Cauchi sid vettura tal-ghamla Escort, li meta xehed il-Qorti ftakkar biss t-teltt numri taghha cjoe' 746, kien qieghed issib grif fuqha u gieh suspett li dawn kien qed jaghmilhomlu l-imputat. Stqarr li stante dan il-grif, u anka l-mera tal-lemin taghha sabha mqaccta, kien iddecida li jhalliha fi Triq il-Kbira, Qormi, fejn toqghod il-kunjata tieghu ftit boghod minn fejn kien jabita hu. F'xi gurnata din il-kunjata kienet cemplet lill-oht il-mara, mart l-kwerelant, ghal habta tal-5.30 ta' filghodu tirraporta li kienet osservat lill- imputat jigref il-vettura. Din tal-ahhar xehdet wkoll. Pero' l-Qorti qabel ma tghaddi in rassenja x-xhieda taghha tinnota li fl-atti hemm sija stima tal-hsarat li l-valur huwa stmat Euro 1416 u sija sett ritratti li juru l-brixx fuq l-imsemmija vettura.

Intant, in kwantu ghax-xhieda tal-imsemmija Carmen Briffa, hi stqarret li lill-imputat kienet tafu billi jabita vicin ohta (mart l-kwerelant) fil-waqt li hi toqghod xi hames minuti l-boghod minnhom. Kompliet tghid li fil-gurnata in kwistjoni,kienu ghal habta tal-5.30 ta' filghodu, kienet qeghdha tnaddaf il-purtelli tal-galarija taghha u rat lill-imputat idur mal-karozza tar-ragel ta' ohta li kienet ipparkeggjata faccjata tal-gallarija taghha u hin minnhom ratu jitbaxxa qisu qed jaqfel iz-zarbun, idur mal-vettura u johrog mus kulur kannella twil daqs pied u jobrox il-vettura. Tghid li kif rat hekk fethet il-purtella u indirizzat lill-imputat u hawnhekk l-imputat gholla idejh, qal li m'ghandu xejn u zied id-diskors 'mhux jiena braxta'. Fuq domanda waqt il-kontro-ezami qalet li ohta u l-imputat kienu jiffrekwentaw lil xulxin anka fiz-zmien rilevanti l-kawza u stqarret li l-grif kien 'fuq in-naha l-ohra tal-bankina jigifieri fuq in-naha fejn kienet moghttija ghaliha'.

Xehed l-imputat li innega kull involvement tieghu. Kien bil-wisq kategoriku f'dan u konsistenti kemm fl-istqarrija tieghu u kemm fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Stqarr li hi rutina li jmur il-quddies filghodu kmieni u jiehu l-istess triq.

Il-Qorti ezaminat il-provi b'attenzjoni u mhiex moralment konvinta fuq il-provi li semmghet li tista', tiskarta certa prova u tadotta ohra.

Fic-cirkostanzi ghalhekk taghzel li temmen il-versjoni tal-imputat li kien mhux biss kredibbli izda anka konsistenti u tilliberah minn kull htija u piena.

Fuq kollox l-prova tieghu hi wahda sal-grad tal-probabbli li fil-fehma tal-Qorti giet sodisfatta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------